MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1078/2005

**Francesco u Maria konjugi Tonna (karti ta' l-identita` rispettivament numri 713830M u 233035M)**

**vs**

**Vincenzo u Tereza konjugi Tonna (karti ta' l-identita` rispettivament numru 244735M u 1100544M)**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Novembru 2005 fejn gie premess:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru sebgha u tletin (37), College Street, Mosta li jinkludi gardina, fil-waqt li l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond adjacenti maghruf bl-isem ta' "Stella Maris", numru hamsa u tletin (35), College Street, Mosta li jinkludi gardina wkoll.

Illi l-attur u l-konvenut kienu akkwistaw ir-rispettivi fuq imsemmija proprjetajiet minghand ommhom Marianna armla minn George Tonna skond il-kuntratt ta’ bejgh fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 24 ta' Mejju, 1978 — fotokopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok. A - li minnu jirrizulta li ma hemm l-ebda servitu' gravanti fuq il-proprjeta' ta' l-atturi.

Illi bejn Lulju u Awissu ta’ l-2005 il-konvenuti bnew hajt divizorju bejn ir-rispettivi gardini tal-kontendenti, u fl-imsemmi hajt divizorju l-konvenuti, minghajr il-kunsens ta’ l-atturi, hallew apertura li taghti direttament ghall-fuq l-imsemmija proprjeta' ta’ l-atturi, u ghamlu dan bhala tentattiv illegali u abbuziv li joholqu servitu` fuq il-proprjeta' ta' l-atturi, bi pregudizzju ghad-drittijiet ta’ l-istess atturi u biex jnaqqsu l-valur ta' l-imsemmija proprjeta ta' l-atturi.

Illi l-konvenut gie ripetutament interpellat sabiex jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega biex jaghlaq l-imsemmija apertura, izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghal dawn ir-raguniet premessi:

1. Tiddikjara li l-fuq imsemmija apertura miftuha fil-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti ma tikkostitwixxix servitu' fuq l-imsemmija proprjeta' ta’ l-atturi, u l-istess apertura tinsab miftuha minghajr ebda dritt validu;

2. Konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju, li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex jaghlqu l-istess apertura li tinsab fil-fuq imsemmi hajt divizorju, occorrendo taht id-direzzjoni ta perit nominandi;

3. Fin-nuqqas li l- konvenuti jottemperaw ruhhom mal-ordni ta’ din l-Onorabbli Qorti fiz-zmien preskritt, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu l-istess xogholijiet

huma stess a spejjez tal-konvenuti, taht id-direzzjoni ta’ l-istess perit nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg (2) ittri legali rispettivament tat-22 ta’ Awissu, 2005 u tal-5 t’Ottubru, 2005, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-nota ta' l-atturi tas-27 t’April 2006 fejn cedew is-sorte *stante* li l-att lamentat gie rrangat fil-mori tal-kawza u zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Francesco Tonna, l-attur, fejn ikkonferma li l-ispejjez ghadhom ma thallsux.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti tas-27 t’April 2006 ghall-kap tal-ispejjez.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara l-mertu ezawrit *stante* li l-att lamentat gie rrangat fil-mori tal-kawza u cessjoni tieghu. Stante l-ammissjoni tal-kap ta’ spejjez da parti tal-konvenuti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-kap ta' l-ispejjez interament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------